QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI

**MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, 2000**

Citazzjoni Numru 8/00G1(MM)

Is-Socjeta Olimpus Gozo Limited

-vs-

Carmelo sive Charles Grech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ippremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta' attrici versu s-somma ta' elfejn seba' mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm2,712.85) prezz ta' apparat tal-HI-FI li gie lilu mibjugh u kkonsenjat f'Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) fuq ordni ta' l-istess konvenut kif jirrizulta mill-invoices bin-numri 3652, 3657, 3664, 3691 datati rispettivament 12 ta' Mejju 1999, 19 ta' Mejju 1999 u l-ahhar tnejn 28 ta' Mejju 1999, debitament iffirmati minnu - ara Dokumenti B sa E;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex issalda dan l-ammont u minkejja li pprometta li ser ihallas, is-socjeta' attrici baqghet ma rceviet ebda hlas sal-lum;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u dan tikkonfermah Marlene Piscopo, direttur tas-socjeta' attrici in rapprezenanza ta' l-istess socjeta';

Jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-KOPC Kap 12;

2. Tiddikjara li hija dovuta lis-socjeta' attrici mill-konvenut is-somma ta' elfejn seba' mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm2,712.85) prezz ta' apparat tal-HI-FI mixtri minnu u li baqa' ma hallasx;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm2,712.85) bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkuzi tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru ipprezntati kontra l-konvenut kontestwalment mal-kawza u ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 2000.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici, ikkonfermata bil-gurament ta' Marlene Piscopo in rapprezentanza ta' l-istess socjeta'.

Rat ukoll l-affidavit ta' l-istess Marlene Piscopo, minnha ikkonfermat bil-gurament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b'din ic-citazzjoni kif ukoll bl-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza li ggib id-data tat-2 ta' Frar 2000.

Rat in-nota tal-konvenut tat-22 ta' Frar 2000, fejn l-istess konvenut ammetta t-talbiet attrici.

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont komplessiv ta' elfejn seba' mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm2,712.85) prezz ta' apparat tal-HI-FI mixtri mill-konvenut.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma indikata ta' elfejn seba' mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,712.85) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru ipprezentati kontra l-konvenut kontestwalment mal-kawza u ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 2000.

Tordna wkoll illi din is-sentenza ssir esegwibbli b'effett mill-1 ta' Ottubru 2000.